MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 734/2005

**Valhmor Borg Import Export Limited**
**C 3062**

**Vs**

**Idea Workmate Limited u John Bugeja**
**solidalment bejniethom**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet il-hlas tas-somma ta' Lm857.07c (tmien mija u sebgha u hamsin lira Maltin u seba' centezmi) rapprezentanti l-prezz bilancjali ghall-prodotti ta' l-ikel mibjugha u kkonsenjati lill-konvenuti.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuti gew debitament notifikati bl-Avviz, ma kkontestawx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehru ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici u l-fatt li l-konvenuti naqsu li jidhru sabiex jirrisponduh, u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, t-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti jhallsu s-somma ta' Lm857.07c (tmien mija u sebgha u hamsin lira Maltin u seba' centezmi), bl-imghax kif mitlub.  L-ispejjez huma a karigu tal-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------